**A.L. 150 ta' l-1989**

## KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

### Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet) (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu 2 ta' l-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u bl-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1989 dwar Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 14 ta' l-1982.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1989 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet) (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Diċembru, 1989.

Jissostitwixxi t-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minflok it-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"TABELLA II
SERVIZZ GĦAL GĦAWDEX — NOLIJIET GĦAL OMNIBUSIJIET BIL-MUTUR

| | |
|---|---|
| Għal kull traġitt fl-istess belt jew raħal | 2c |
| Għal kull traġitt bejn bliet jew irħula differenti | 7c |

Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu nofs in-nol stabbilit, suġġett għall-ħlas ta' mhux inqas minn 2c.

Tfal li jkunu sejrin jew ġejjin minn xi skola matul il-perijodi murijin fil-paragrafu 13 tad-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom iħallsu, jekk ikollhom permess validu, nofs in-nol stabbilit, suġġett għall-ħlas ta' mhux inqas minn 2c".